MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tat-23 ta' Gunju, 2005

Numru 960/2004

## IL-PULIZIJA
## SPETTUR SILVIO VALLETTA

## VS

## ALEXANDER SIVE SANDRO CARDONA

Il-Qorti;

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Alexander sive Sandro Cardona ta’ 37 sena, imwieled Tal-Pieta’ nhar l-4 ta’ April, 1967, bin Joseph u Helen nee’ Ellul, residenti fil-fond JoeHel, Triq Carmelo Vassalli, Iklin, detentur tal-karta tal-identita’ numru 154167 (M) ;

Akkuzat talli fil-15 ta’ Lulju, 2002, ghall-habta tan-nofs siegha ta’ bil-lejl, gwwa Hal-Lija, ikkommetta serq ta’ diversi oggetti u flus, minn fond numru 51, Le Chateau, sitwat fi Triq Gianni Buhagiar, Hal-Lija, ikkwalifikat bil-hin,

mezz, lok u valur li jaccedi l-elf lira maltin u li  sar ghad-detriment ta' Pierre Camilleri, u dan bi ksur tal-Artikoli 261, 263(a), 267, 269, u 270 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, ghad-dannu ta' Pierre Camilleri, liema hsara taccedi Lm50.00 (hamsin lira maltin), izda inqas minn Lm500.00 (hames mitt lira maltin), u dan bi ksur tal-Artikolu 325 (1) (b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U finalment talli fl-istess data, hin u cirkostanzi, rrenda ruhu recediv *ai termini* tal-Artikolu 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligjiet ta' Malta, wara li nstab hati b'sentenza moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi;

Rat l-ammissjoni tal-imputat moghtija fi stadju relattivament bikri ta' dawn il-proceduri, liema ammissjoni giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien skond il-Ligi;

Rat in-nota tal-Avukat Generali tal-1 ta' Gunju, 2005, li permezz taghha indika l-Artikoli tal-Ligi li tahthom kellu jigi akkuzat l-imputat.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat ammetta minn jheddu l-akkuzi dedotti kontrieh, skond il-verbal tas-seduta tat-28 ta' April, 2005, *a fol* 73 tal-process. Il-Qorti tinsab preokkupata hafna b'dan il-kaz, ghas-segwenti ragunijiet. Mill-fedina penali aggornata tal-istess imputat, jidher li kien hemm sentenzi kriminali fil-konfront tieghu fil-passat, izda li l-ahhar sentenza li kellu kienet tirrisali ghas-sena 2000. Ghalhekk hemm possibilita' li l-imputat, bl-ghajnuna korretta u bis-sorveljanza u supervizjoni adegwata, jista' jirriforma l-

eghmil tieghu. Li kieku dan kien kaz bhall-ohrajn, il-Qorti ma kienitx tahsibha darbtejn tapplika l-piena karcerarja gusta ghal reat bhal dan, liema piena kienet tkun zgur fil-parametri tal-Ligi. Izda l-Qorti giet rinfaccata b'sitwazzjoni fejn imputat ammetta ghall-akkuzi odjerni, kontra l-parir tal-avukat tieghu, u fejn il-fedina penali taghti xaqq zghir ta' tama ghall-gejjieni tal-imputat.

Ghalhekk il-Qorti qed tikkonsidra piena karcerarja izda sospiza *ai termini* tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9. Ir-ragunijiet ta' din il-konsiderazzjoni huma din l-ammissjoni tal-imputat minn jheddu, u l-fedina penali li turi anqas instabilita' fl-ahhar snin. Dawn il-fatturi qieghedin jinducu il-Qorti taghti ukoll Ordni ta' Supervizjoni fis-sentenza sospiza, kif ukoll li jkun hemm restituzzjoni jew kumpens lill-vittmi tar-reat sofferti minnhom.

Jekk, izda, l-imputat m'hux ser jaqbad triq ta' riforma, allura din il-Qorti ma jkollhiex aktar ghazla milli tirrendi effettiva l-piena karcerarja. Huwa utli ghalhekk li s-supervizjoni u sorveljanza fuq l-imputat tkun wahda stretta, u li l-Qorti tibqa' tigi nfurmata bl-imgieba tal-imputat tul dan il-perjodu kollu.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati tal-akkuzi kif dedotti, tikkundannah ghal perdjodu ta' prigunerija ta' sentejn sospizi ghal erba' snin, *ai termini* tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9, waqt liema terminu l-imputat ghandu jigi ordnat joqghod taht supervizjoni, *ai termini* tal-Arikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

*Inoltre* l-Qorti tordna hlas ta' Lm4,000.00 (erbat elef lilra) lill-vittma Pierre u Josette konjugi Camilleri *ai termini* tal-Artikolu 28H tal-Kapitolu 9 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------